VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,078, 26 ta' Ottubru, 2018
Taqsima B

A.L. 342 tal-2018

ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT (KAP. 549)

Regolamenti tal-2018 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Dikjarazzjoni dwar Deroga għall-Kontroll tal-*iSturnus vulgaris* u l-*Columba livia*)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 54 u 55 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal- Ambjent, il-Ministru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli, u Tibdil fil-Klima wara konsultazzjoni mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2018 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Dikjarazzjoni dwar Deroga għall-Kontroll tal-*iSturnus vulgaris* u l-*Columba livia*).

Tifsir.

L.S. 549.42.

2. Kliem u frażijiet użati f'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra, għandu jkollhom l-istess tifsir bħal dak mogħti fir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi".

Restrizzjonijiet ta' kontroll.

3. Din id-deroga tapplika biss għall-kontroll tal-*iSturnus vulgaris* u l-*Columba livia*.

Stabbiliment tal-perjodu għall-kontroll.

4. Għall-finijiet tat-tieni proviso tar-regolament 10(6) tar-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi u għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, il-perjodu għall-kontroll tal-i*Sturnus vulgaris* u l-*Columba livia* għandu jkun mill-1 ta' Settembru 2018 sal-31 ta' Marzu 2019, iż-żewġ dati inklużi.

Kontroll skont qafas speċifikat.

L.S. 549.85.

5. Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, il-kontroll tal-*iSturnus vulgaris* u l-*Columba livia* għandu jkun skont id-dispożizzjonijiet tal-qafas stabbilit bir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Qafas sabiex tiġi Permessa Deroga għall-Kontroll tal-Għasafar fl-Interess tas-Sigurtà tal-Ajru) u r-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi.